MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1/2009/1

**Maria Friggieri**

**v.**

**Malcolm Friggieri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fil-5 ta' Jannar 2009, li jaqra hekk:

"1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Gunju 2000, skond kif jidher mill-Estratt taz-Zwieg taghhom illi kopja tieghu qieghda tigi annessa ma' dan ir-rikors u esebita u

mmarkata bhala Dok. A, u sseparaw bonarjament permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Reuben Debono fit-18 ta’ Lulju 2008, kif jidher mill-kopja tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali relattiv, illi ukoll qieghda tigi annessa ma’ dan ir-rikors, u esebita u mmarkata bhala Dok. B.

“2. Illi minn din l-unjoni, twieldu zewgt itfal, Michaela u Matthea, illi twieldu fil-15 ta’ Lulju 2001 u fid-9 ta’ Lulju 2003, kif jista’ jirrizulta mill-kopji tac-certifikati tat-twelid tal-minuri, illi ukoll qeghdin jigu annessi ma’ dan ir-rikors u esebiti u mmarkati bhala Dok. C u Dok. D rispettivament.

“3. Illi l-kontendenti izzewgu billi l-esponenti, illi dak iz-zmien kellha wiehed u ghoxrin (21) sena, riedet akkost ta’ kollox titlaq mid-dar tal-genituri taghha, ghaliex ma kinitx tiflah aktar ghat-tensjoni illi kien hemm fid-dar tort ta’ ommha, illi kienet (u effettivament ghadha) tbati mid-dipressjoni.

“4. Illi billi missier l-esponenti ma kienx ser jippermetti lill-esponenti tohrog mid-dar tieghu jekk mhux bhala mara mizzewga (partikolarment ghaliex kien lestielha post ghal meta tizzewweg), l-esponenti ma ratx alternattiva ohra sabiex titlaq mid-dar tal-genituri taghha, jekk mhux bhala l-mara tal-konvenut.

“5. Illi din kienet l-unika raguni ghalfejn l-esponenti zzewget lill-konvenut fid-data meta zzewgitu, u fil-mument meta l-esponenti kienet qieghda taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija ma kinitx thobbu.

“6. Illi mill-banda l-ohra, lanqas il-konvenut ma kien ihobb lill-esponenti fil-mument meta ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg, u dan jidher mill-mod kif kien igib ruhu mal-esponenti sia qabel, sia wara z-zwieg.

“7. Illi fil-fatt, il-kontendenti qatt ma ghexu hajja ta’ mizzewgin, kif ser jigi ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

“8. Illi inoltre, il-konvenut kien ibati minn debilita’ fizika illi kienet taghmilha impossibbli ghalih illi jaqdi l-obbligi matrimonjali tieghu, u dan il-konvenut kien jafu sa minn qabel iz-zwieg, filwaqt illi l-esponenti fehmet illi zewgha qatt ma kien ser ikun jista’ jissodisfaha sesswalment minhabba l-problema tieghu, biss xhur wara li kien gie ccelebrat iz-zwieg – ossia meta kien tard wisq.

“9. Illi li kieku l-esponenti kienet taf qabel iz-zwieg illi zewgha qatt ma kien ser ikun jista’ jissodisfaha sesswalment, l-istess ma kinitx tizzewgu.

“10. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-esponenti.

B. **<u>Raguni ghat-talbiet f’dawn il-proceduri</u>**

“11. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fid-29 ta’ Gunju 2000, jigi ddikjarat null u bla effett skond il-ligi, ghar-ragunijiet fuq premessi, u senjatament stante illi l-kunsens tal-attrici inkiseb bi vjolenza morali u biza’ ai termini tal-Artikolu 19(1)(a) tal-Att dwar iz-Zwieg;

“12. Illi inoltre, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi stante illi l-kunsens tal-attrici kien eskluz minhabba zball fuq l-identita’ tal-parti l-ohra ai termini tal-Artikolu 19(1)(b) tal-att dwar iz-zwieg;

“13. Illi z-zwieg tal-kontendenti huwa ukoll null u bla effett skond il-ligi stante illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-parti l-ohra illi tista’ mix-xorta taghha, tfixkel serjament il-hajja mizzewga, u dan ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) tal-att dwar iz-zwieg;

“14. Illi inoltre, il-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-istess illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-att dwar iz-zwieg;

"15. Illi ulterjorment, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi, ghall-fini tal-artikolu 19(1)(f) tal-att dwar iz-zwieg, stante illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

C. **<u>Talbiet attrici</u>**

"Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar id-29 ta' Gunju 2000 huwa null u bla effett fil-ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19(1)(a), (b), (c), (d) u (f) tal-att dwar iz-zwieg.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi, fl-ewwel lok, l-eccipjenti jirrileva illi ma jezistux l-estremi legali sabiex iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet kontendenti jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

"2. Illi l-allegazzjoni li l-attrici riorrenti tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg minhabba vjolenza morali u biza' reverenzjali hija invertiera, u ghalhekk ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi fi kwalunkwe kaz, jekk kien jezisti tali difett fil-kunsens, dan huwa imputabbli lill-attrici, u ghalhekk l-eccipjenti m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

"3. Illi jigi eccepit illi mill-premessi tar-rikors promotur ma jirrizultax sodisfacentement f'hix jikkonsistu l-izball dwar l-identita' tal-esponenti, u liema kwalita' tal-esponenti fixklet serjament il-hajja mizzewga tal-partijiet, u ghalhekk jehtieg illi jsiru l-kjarifiki opportuni f'dan ir-rigward, u

ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

“4. Illi l-allegazzjoni li l-eccipjenti seta’ ta l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg b’mod qarrieqi, jew li l-kunsens tieghu kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, hija abbuziva u inveritiera, stante illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-eccipjenti dejjem qeda l-obbligi tieghu matrimonjali fl-intier taghhom, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u f’kaz illi jirrizulta a sodisfazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti li hemm lok li z-zwieg jista’ jigi dikjarat null u bla effett, dan zgur li mhux minhabba tortijiet u htija imputabbli lill-esponenti, u dan ukoll kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi jsegwi ghalhekk illi l-esponenti m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fil-31 ta’ Mejju 2011, li in forza taghha giet michuda t-talba attrici, bl-ispejjez jithallsu mill-istess attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat illi l-partjiiet f’din il-kawza izzewgu fis-sena 2000 wara gherusija ta’ durata normali. Kellhom zewgt itfal. Issa li z-zwieg sfaxxa, ir-rikorrenti mara qed issostni li z-zwieg ta’ bejniethom huwa null. Ghal dan il-ghan hija qed tinvoka bhala kawzali, il-provvedimenti tal-ligi kontenuti fl-Art. 19(1) (a), (b), (c), (d) u (f) tal-Kap. 255. Il-Qorti ghaddiet biex tezamina x-xhieda prodotta fid-dawl ta’ dan.

“L-ewwel ma ssemmi r-rikorrenti huwa sub-inciz (1a) li jipprovdi ghal nullita’ f’kaz ta’ vjolenza morali u biza’. Din il-kawzali giet imfissra hekk minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza “**Marica D’Amato vs Philip**

**D'Amato**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla, Onor. Imhallef Philip Sciberras, fil-31 ta' Jannar 2003):

*""Din il-vjolenza trid tigi valutata minn dak dispost fl-Artikolu 978 tal-Kodici Civili, jigifieri jrid jintwera li l-attrici, qabel iz-zwieg, kienet assoggjettata ghall-pressjoni gravi u ndebita. Vjolenza ghalhekk determinanti, ingusta u ingravi. Fiz-zwieg, u mbaghad, a differenza minn kuntratti ohra, il-kwestjoni trid tigi ezaminata in relazzjoni ghal-liberta' matrimonjali. Il-vjolenza ghalhekk trid tigi valutata mhux fuq is-semplici seduzzjoni tal-attrici izda fuq l-ipotesi li hi giet indotta ghaz-zwieg minhabba ragunijiet ta' pressjoni qawwija u insuperabbli. Ad exemplum, perkossi minn zewgha waqt l-gherusija jew mill-genituri jew il-minaccja li titkecca 'l barra mid-dar, jew forom ta' xenati ingusti u determinanti."*

"Il-Qorti ssib li fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda biza' jew vjolenza kif tesigi l-ligi f'dan il-kuntest. Il-fatt li hija kienet imdejqa d-dar minhabba l-kundizzjoni medika ta' ommha ma jwassalx wahdu biex jinvalida l-kunsens taghha. Il-Qorti tqis ukoll li, kieku veru kienet daqshekk mghaggla u mdejqa ma kinitx tistenna sena u nofs biex ikollha d-dar mobbiljata b'kollox. Hija tikkonferma:

*""Jiena ridt nizzewweg illum qabel ghada, pero' ridna nlestu l-post billi nordnaw kcina, kamra tas-sodda u living room, u billi sa dakinhar qatt ma kellna pjanijiet ta' zwieg, ma kellniex flus imgemmghin."*

"Ghar-rigward tas-subinciz 19 (1)(b), il-Qorti qieghda tiskarta din il-kawzali minnufih. Lir-ragel li zzewget kienet taf ben tajjeb min hu.

"Il-Qorti mbaghad ghaddiet biex tqis il-kawzali provduta fil-ligi bis-subinciz 19(1)(c) u cioe' qerq dwar kwalita' tal-parti l-ohra illi tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Ir-raguni li taghti l-attrici ghal dan huwa l-fatt li skond hi, zewgha ma kienx jissodisfaha sesswalment. Hawnhekk ukoll, il-Qorti ssibha difficli tifhem kif wiehed qatt jista' jsib xi qerq fis-sitwazzjoni ta' din il-koppja. Kellhom relazzjonijiet sesswali flimkien qabel iz-zwieg. Is-

sintonija fizika ta' bejniethom kienet ben pruvata. Setghet ma kinitx sodisfacenti ghaliha, pero' ma kinitx mohbija. Ma gie perpetrat fuqha ebda qerq. Bhal fil-kawza fuq citata:

*““Fil-kaz taht konsiderazzjoni ma gew pruvati l-ebda artifizji jew raggiri adoperati mill-konvenut anterjorment ghaz-zwieg li setghu ingannaw lill-attrici dwar xi kwalita' personali tieghu.”*

“Ghar-rigward taz-zewg kawzali l-ohra invokati, u cioe' d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, hawnhekk ukoll il-Qorti ma ssib xejn fil-ftit provi prodotti li jista' b'xi mod jitqies in sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet kif irriteniet il-Qorti fil-kawza.

“Iz-zwieg in ezami sfaxxa, pero' din il-Qorti ma tasalx biex tqis li l-kunsens ghalih kien b'xi mod vizzjat. Il-partijiet setghu zbaljaw meta ghazlu li jizzewgu, pero' ghazla zbaljata din il-Qorti tqis hija perfettament kompatibbli ma' zwieg validu.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

“...tirrevoka s-sentenza appellata billi filwaqt illi tilqa' t-talbiet tal-attrici tichad it-talbiet tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.”

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

“...tichad l-appell tal-attrici appellanta *in toto* u tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-31 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet **Maria Friggieri v. Malcolm Friggieri** b'mod totali bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellanta.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ghall-annullament taz-zwieg li sehh bejn il-kontendenti fid-29 ta’ Gunju 2000. Il-partijiet irregolaw il-firda ta' bejniethom bis-sahha ta’ kuntratt ppubblikat fit-18 ta’ Lulju 2008, u b'din il-procedura, l-attrici qed titlob dikjarazzjoni li z-zwieg taghha kien null u dan a bazi tal-Artikolu 19(1)(a)(b)(c)(d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici wara li kkunsidrat li ma giet ippruvata ebda wahda mill-kawzali li resqet l-attrici bhala bazi ghat-talba taghha. L-attrici resqet dan l-appell u qed tinsisti fuq it-talba taghha li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, principalment peress li tghid li hi zzewget sabiex tkun tista’ titlaq mid-dar tal-genituri fejn kienet imdejqa.

Din il-Qorti tifhem ghaliex l-attrici appellanta insistiet l-aktar fuq din ir-raguni, peress li r-ragunijiet ibbazzati fuq l-Artikolu 19(1)(b) u (c) tal-Att dwar iz-Zwieg, assolutament ma jirrizultawx. Ma kien hemm ebda zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra, u lanqas ma rrizulta li intuza ingann biex jinkiseb il-kunsens taghha. Il-konvenut ma uza ebda qerq biex jahbi xi “kwalita`” tieghu li setghet tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Il-partijiet kienu jafu lil xulxin, u ghamlu zgur tliet snin johorgu flimkien qabel ma zzewgu. Mill-provi ma jirrizulta xejn fil-karattru tal-konvenut, jew fl-istat ta’ sahha tieghu li setgha “serjament” iwassal ghal tfixkil fil-hajja mizzewga.

Lanqas ma jirrizulta xi forma ta’ vjolenza morali u biza’ *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(a) tal-imsemmi Att. Il-gurisprudenza trid li biex tirrizulta din il-kawzali jrid jigi ppruvat pressjoni gravi u insuperabbli jekk mhux bi zwieg, mentri f’dan il-kaz ma jirrizulta xejn minn dan. L-attrici setghet kienet imdejqa d-dar, izda hadd ma ghamlilha pressjoni biex tizzewweg, u hadd ma bezahha b’xi konsegwenza gravi f’kaz li ma tizzewwigx. Missier l-attrici kien bnielha post ghaliha, pero` insista li ma tmurx toqghod fih jekk mhux bhala mara mizzewga. Dan ma jfissirx, pero`, li saritilha pressjoni “biex tizzewweg”! Hi setghet tmur ma’ habib taghha tghix band’ohra, ghax ma

rrizultax li xi hadd kien qed juza' l-vjolenza jew theddid biex hi tibqa d-dar sa ma tizzewweg. L-abitazzjoni fil-post li lestilha missier l-attrici kien ikkundizzjonat li hi tizzewweg, pero`, ghaz-zwieg innifsu ma kien hemm ebda pressjoni jew kundizzjoni.

L-attrici tallega wkoll li l-kunsens taghha kien difettuz peress li kien karpit b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u anke ghax eskludiet iz-zwieg innifsu fl-ghoti tal-kunsens (simulazzjoni), u dan fit-termini tal-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-istess Att dwar iz-Zwieg. Fil-kuntest ta' dawn iz-zewg kawzali, din il-Qorti osservat diversi drabi li huma kontradittorji ghal xulxin u ma jistghux jitressqu flimkien bhala argument favur dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg.

Fil-kawza **Galea v. Galea**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Marzu 2011, intqal hekk a propozitu:

*"Trattat l-appell, din il-Qorti tibda biex tosserva li, kif diga` gie minnha osservat, l-attur ma jistax fl-istess hin isostni z-zewg kawzali li hu ressaq in sostenn tat-talba tieghu, peress li huma inkompatibbli wahda mal-ohra. Ma jistax jargumenta li hu jew martu kienu neqsin mill-kapacita` intelletwali mehtiega li jifhmu id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, waqt li, fl-istess nifs, jallega li tant kienu jafu f'hiex dehlin li, b'decizjoni pozittiva, eskludew li jassumu dawn l-istess drittijiet u dmirijiet (ara, ghal aktar approfondament il-kazijiet decizi minn din il-Qorti* ***Arqueros v. Arqueros Moreno****, deciza fit-30 ta' Lulju 2010, u* ***Baldacchino v. Yingchun****, deciza fit-3 ta' Dicembru 2010).*

*"Sfortunatament, il-partijiet, fl-entuzjazmu biex jippruvaw jgibu l-annullament akkost ta' kollox, ma jistudjawx bir-reqqa, flimkien mal-konsulent taghhom, ir-ragunijiet li jistghu wasslu ghal dikjarazzjoni kif mitluba, u minflok "jisparaw" diversi kawzali, bl-isperanza li xi haga jolqtu! B'dan il-mod, pero`, ma jarawx li qed jikkontradixxu lilhom infushom meta jallegaw li xi hadd kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, jigifieri, ma kienx f'posizzjoni jifhem ghal x'hiex diehel, izda, fl-istess hin, jallegaw ukoll li*

*l-persuna tant kienet sharp intelletwalment, li fehmet kollox, izda ma rieditx tassumi d-drittijiet u d-dmirijiet li jirrizultaw miz-zwieg. L-attur, b'dan il-mod, waqqa' l-kaz tieghu stess: ghax jekk kien kapaci jeskludi z-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu, allura mhux minnu li, fil-mument tal-kunsens, kien affett minn xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar dawk l-istess elementi."*

Nonostante dan, din il-Qorti ezaminat il-provi u taqbel mal-ewwel Qorti li ma hemm xejn fl-atti x'jindika difett ta' diskrezzjoni jew simulazzjoni. L-attrici tifhem x'inhuma l-obbligi taz-zwieg u kienet taf ghal xiex diehla. Minhabba li kienet imdejqa d-dar (peress li ommha kienet tbati bid-*depression)* kellha ghagla biex titlaq mid-dar, pero` dan ma jfissirx li hi ma kienitx taf x'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha fiz-zwieg. Kif gie affermat diversi drabi mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, inkluz fis-sentenza **Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo v. Mario Mamo** (deciza fis-26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara,* ***Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri****, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal*

*difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (***Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt***, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**Artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Dan ma jirrizultax fil-kaz tal-attrici, tant li kienet iddeliberat sew dwar il-pass li kienet se taghmel, u ddecidiet li tlesti l-kamra tal-banju u l-kcina tal-post li bnielha missierha qabel ma tizzewweg u tmur tirrisjedi fih.

Lanqas ma rrizulta li l-attrici eskludiet l-obbligi taz-zwieg, jew li zzewwget biss biex titlaq mid-dar, izda imbaghad taghmel ta' rasha. Fil-fatt, jirrizulta li l-koppja, fiz-zwieg, kellhom zewg itfal fi spazju ta' sentejn bejniethom, u min ma jridx jizzewweg, ma jgibx zewg itfal fid-dinja! L-ghagla ghaz-zwieg ma hijiex raguni ta' annullament, u bhala fatt, la ma rrizulta li l-attrici ma rieditx tizzewweg, lanqas li ma rieditx tizzewweg lill-konvenut.

Il-konvenut isemmi episodju li jitfa dawl fuq kemm l-attrici riedet tizzewweg. Qabel ma ltaqghet mal-konvenut, l-attrici kienet tohrog ma' ragel ta' nazzjonalita` barranija u kien iddispjaciha li dik ir-relazzjoni intemmet wara li l-barrani telaq minn Malta. Waqt l-gherusija mal-konvenut, ir-ragel l-iehor gie lura, u l-konvenut staqsa lill-attrici jekk rieditx tittermina r-relazzjoni li kellhom halli terga' tmur mal-barrani. L-attrici pero`, wiegbet li ma rieditx taf bir-ragel l-iehor u li xtaqet tkompli bil-pjan taghhom ghaz-zwieg. Difficcli, allura li wiehed jargumenta li b'att pozittiv, hi eskludiet iz-zwieg innifsu waqt l-ghoti tal-kunsens.

L-attrici tghid ukoll li hi ppruvat thassar l-gherusija izda l-konvenut kien jghidilha li jekk taghmel dan hu jikkommetti suwicidju. L-incident li ghadu kif gie deskritt ma jikkomfortax din it-tezi, u l-konvenut cahad kategorikament li hu qatt qal xi diskors f'dan is-sens jew ta' d'intendere li kien jikkommetti suwicidju jekk l-attrici titilqu. Il-konvenut

jghid li, tul l-gherusija, gieli kellhom xi jghidu, izda dejjem irrangaw id-differenzi ta' bejniethom bil-kwiet.

Fil-kawza **Chahid V. Spiteri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002, gie ripetut il-principju illi:

*"…taht l-**Artikolu 19(1)(f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gia` mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg."*

Ma jirrizultax f'dan il-kaz, li l-attrici ma rieditx tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali, tant li l-partijiet kellhom it-tfal u ghal bidu kollox mexa sew, bil-konvenut jghid li, wara x-xoghol kien ikun herqan imur lejn id-dar halli jkun mal-mara u t-tifla. Il-partijiet kienu johorgu flimkien regolarment u dan baqghu jaghmluh anke wara li kellhom it-tfal. L-attrici tghid li r-relazzjonijiet intimi kienu rari u ta' malajr, izda l-konvenut jichad li fil-bidu kien hemm problemi minn dan il-lat, u jiddeskrivi bhala "normali" l-intimita` ta' bejniethom fil-bidu taz-zwieg.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez jithallsu mill-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------